MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1053/2004

**ark Azzopardi**

**Vs**

**Jacqueline Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avvizipprezentat mill-attur fejn talab li l-konvenuta thallas is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) rapprezentanti drittijiet professjonali dovuta lilu in konnessjoni ma' servizz dentali lilha rezi.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi hija kienet marret ticcekkja snienha u l-attur qalilha li kellha bzonn xi mili. Imlielha tnejn u bidlilha tnejn ohra minn mili iswed ghall-mili abjad u talabha mija u hamsin lira Maltin (Lm150). Kellha terga' tmur tnaddafhom izda kienet imhabbta u ma marretx. Sadanittant kienet qieghda titkellem ma' xi hbieb u qalulha li l-prezz kien oghli hafna u sar abbuz ghax normalment izomm bejn disa' liri Maltin

(Lm9) u tnax-il lira Maltin (Lm12) il-wahda u ghalhekk qieghda titlob li l-prezz jigi ggustifikat.

Sema’ x-xhieda tal-partijiet u ta’ Jane Tabone.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mix-xhieda ta’ l-attur kif korroborat mill-assistenta tieghu Jane Tabone jirrizulta illi effettivament il-konvenuta kienet giet invistata mill-attur f’erba’ okkazjonijiet. Fit-28 t’Ottubru, 2003 sar l-ewwel xoghol fir-rigward ta’ *root treatment* ghal sinna wahda u fil-11 ta’ Novembru, 2003 sar il-kumplament tax-xoghol fir-rigward ta’ din is-sinna w anki saru zewg x-rays, cjoe’ x-ray fuq kull naha ta’ halqha.

Ghal dawn iz-zewg okkazjonijiet il-konvenuta hallset tletin lira Maltin (Lm30) kull okkazjoni total ta’ sittin lira Maltin (Lm60). Meta sar l-x-ray irrizulta li kellha bzonn diversi fillings u fil-fatt sar appuntament iehor fis-26 ta’ Novembru, 2003 fejn saru erba’ fillings u inoltre sar appuntament iehor fl-1 ta’ Dicembru, 2003 fejn saru tlett fillings u veneer ta’ sinna ohra. Fl-appuntament tas-26 ta’ Novembru, 2003 il-konvenuta giet informatha li l-kont relattiv kien ta’ sebghin lira Maltin (Lm70). L-attur jghid li dakinhar kienet il-konvenuta li talbet li ma thallasx dak il-hin izda l-konvenuta tghid li dan kien proprju fuq suggeriment ta’ l-istess attur. Kienet x’kienet il-verzjoni, jirrizulta bhala fatt li dakinhar il-konvenuta kienet taf bir-rates tat-tabib Azzopardi w accettathom tant illi mbaghad ghamlet appuntament iehor biex ikompli jsir intervent fuqha.

Illi fix-xhieda taghha l-konvenuta qieghda ssostni li l-ammont pretiz mill-attur huwa esagerat. Illi fil-kamp ta’ servizzi professjonali m’hemm ebda sistema ta’ *price control*. Naturalment meta professjonista jiccargja dan jiddependi mill-kwalita’ ta’ xoghol u esperjenza tieghu fost fatturi ohra bhalma huma d-diffikulta’ tas-servizz partikolari li jkun qed jigi rez.

B'kollox saru seba' fillings u veneering ta' sinna. Skond ix-xhieda ta' l-attur u l-assistenta tieghu, normalment jiccargja bejn hmistax-il lira Maltin (Lm15) u ghoxrin lira Maltin (Lm20) kull filling. Billi l-fillings saru f'zewg batches u b'hekk ikun hemm ekonomija ta' hin u materjal u b'hekk it-Tribunal jidhirlu li ghandu jigi applikat il-minimum rate ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) kull filling biex b'hekk dan igib total ta' mija u hames liri Maltin (Lm105) ghall-fillings. Ma' dan wiehed irid izid ghoxrin lira Maltin (Lm20) ghall-veneering – ammont komplessiv ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125). L-ispejjez ikunu kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) ghall-attur u tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------